MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Numru 1274/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**GORDON BARBARA**
**MANUEL BARTOLO**
**TERENCE CROSS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Gordon Barbara ta’ 22 sena, bin Saviour u Pauline nee’ Mifsud imwieled Pieta’, fl-1 ta’ Dicembru 1983, u li joqghod f’26, Guze Muscat Street, Naxxar. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 31584M u Manuel Bartolo ta’ 25 sena, bin Sebastian u Mary nee’ Farugia, imwieled Pieta’, fit-22 ta’

Lulju 1981, u li joqghod ‘St.Rita’, Ghaxaq By Pass, Hal-Ghaxaq. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 386481(M) u Terence Cross ta’ 45 sena, bin David Edward u Mary May nee’ Bruno, imwieled Pieta’, fil-21 ta’ Dicembru 1960, u li joqghod gewwa Misrah Centawrja, Blokk 13, Bieb A, San Gwann. Detentur tal-karta ta’ l-Identita bin-numru 254084(M).

Billi gew akkuzati talli fis-6 ta’ Ottubru 2006 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b’ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b’qerq ta’ anqas minn LM1,000.00 ghad-dannu tal-kumpanija Simonds Farsons Cisk plc;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

2. talli ikkommettew serq ta’ kegs (Pre Mix kegs u Post Mix kegs) li jippartjenu lil Simonds Farsons Cisk pls liema seqr juwa ikkwalifikat bil-‘valur’ u bil-‘persuna’

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 267 u 268(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Rat l-atti u dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MC10 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza li tirrigwarda serq u ghaldaqstant l-istess Ufficjal Prosekutur talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati reghhu wiegbu li huma hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghhom.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputati kollha l-artikoli 18, 261(c) u (d), 267, 268(a), 280(1) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputati Gordon Barbara u Manuel Bartolo, fuq ammissjoni, hatja tat-tieni akkuza migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputati Gordon Barbara u Manuel Bartolo ammettew fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali taghhom tillibera lill-istess imputati Gordon Barbara u Manuel Bartolo taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’

Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputati Gordon Barbara u Manuel Bartolo ghall-piena ta' erba' mija u hamsa u sittin Euro u seba' u tmenin centezmi ta' Euro (Euro 465.87) multa kull wiehed.

Issib lill-imputat Terence Cross, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-fatt li l-imputat Terence Cross ammetta fi stadju bikri tal-kawza tillibera lill-istess imputat Terence Cross taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Terence Cross ghall-piena ta' elf, mija u erba' u sittin Euro u disa' u sittin centezmi ta' Euro (Euro 1164.69) multa.

Rigward ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-ewwel akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati.

Il-Qorti qed taghti lill-imputati Gordon Barbara, Manuel Bartolo u Terence Cross l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------